MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## VINCENT DE GAETANO

Seduta tat-12 ta' Settembru, 2005

Numru 4/2005

**App Nru 4/05**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Kim Said,**
**George Said u**
**George Said**

Il-Qorti:

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra George Kim Said, George Said u George Said li gew akkuzati talli fit-30-5-2004 bejn is-2.00am u 4.00am Kim Said ID 31282(G) u George Said ID 36274(M) ghan-nom ta' "La Grotta Ltd" u bhala l-persuni li f'isimhom ghandhom il-licenzja ta' l-istabbiliment bl-isem 'La Grotta' li jinsab fi Triq ix-Xlendi, Limiti tal-Munxar Ghawdex liema stabbiliment huwa licenzjat bhala Diskoteka taht l-Att dwar

Servizzi ta’ l-Ivvjaggar u tat-Turizmu ghal Malta u George Said ID 31643(G) bhala l-persuna li kienet qed tmexxi l-imsemmi stabbiliment bhala sostitut:

1) organnizaw jew mexxew divertiment jew li kienu responsabbli ghall-organizzazzjoni jew tmexxija ta’ divertiment, organizzaw party jew disco fil-miftuh liema disco ma ntemmx fis-2.00am bi ksur ta’ l-Artikolu 10 tar-Regolamenti biex Jinzamm il-Bon Ordni fl-Lokalitajiet tad-Divertiment;

2) talli waqt li kienu qed jorganizzaw attivita` (disco) fil-miftuh, din l-attivita` ma spiccatx fis-2.00am bi ksur ta’ l-Artikolu 36(b) ta’ A.L. 102/2002;

3) talli fl-istess data u lok bejn is-2.00am u l-4.00am aggestew attivita` kummercjali fil-berah fil-post imsemmi minghajr il-permess ta’ l-Awtorita` Regolatorja Art. 13 Kap 441; u

4) George Said ID 31643(G) akkuzat ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ma obdiex l-ordnijiet legittimi tal-pulizija moghtija lilu minn PS 369 J. Mizzi waqt il-qadi t’a dmirijietu (Art 338(ee) tal-Kap 9 tal-Kodici Kriminali);

Rat is-sentenza ta’ l-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) tas-16 ta’ Dicembru 2004, li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmija Kim Said, George Said u George Said mhux hatja skond l-akkuzi u minnhom illiberathom;

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ l-Avukat Generali, minnu ippresentat fis-7 ta’ Jannar 2005, li permezz tieghu talab ir-revoka ta’ l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet; ikkunsidrat:

L-aggravju ta’ l-Avukat Generali hu fis-sens li l-ewwel qorti interpretat hazin l-artikolu [**recte**: regolament] 36(b) tal-A.L. 102/2002 li jipprovdi ghal massimu ta’ hin sas-saghtejn ta’ filghodu, u li biex stabbiliment bhal dak li kienu jiggestixxu l-appellati fiz-zmien relavanti ghall-

imputazzjonijiet izomm diskoteka sa l-erbgha ta’ filghodu irid ikun hemm il-permess tal-Ministru responsabbli ghall-Kummerc (regolament 36(c)). L-ewwel qorti, fis-sentenza taghha, irriteniet li a bazi tad-dokumenti ezibiti kellu jigi ritenut li l-imsemmi Ministru kien ghogbu jaghti tali estensjoni. Din il-Qorti tosserva li l-Avukat Generali ma appellax specifikatament mill-liberazzjoni ta’ George Said mir-raba’ imputazzjoni u fir-realta` illimita ruhhu ghall-ewwel tlett imputazzjonijiet.

A skans ta’ ripetizzjoni, din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija llum stess fl-appell nru. 2/05 fl-ismijiet ***Il-Pulizija v. Kim Said, George Said u Joseph Said***; u ghar-ragunijiet kollha moghtija f’dik is-sentenza, tichad l-appell ta’ l-Avukat Generali u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------